MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Numru. 279/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Carmil William Camilleri**

**ID 543381(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Carmil William Camilleri, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 543381(M):

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-13 ta' Novembru 2004 u fix-xhur ta' qabel:

1) Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli taghti l-piena stabbilita bil-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Minn tfittxija li ghamlu l-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga ghall-habta tas-7.00 a.m., fil-vettura tal-imputat, gewwa Rahal Gdid, wara li l-istess imputat gie mwaqqaf mill-imsemmija Pulizija, instabu hames pilloli suspettati *ecstasy* imgezwrin fil-*foil*, fil-bieba tan-naha tax-xufier. Sussegwentement, waqt tfittxija li saret fir-residenza tal-istess imputat, gewwa Bormla, huwa stess ghadda lill-pulizija ghaxar pilloli ohra suspettati *ecstasy* li kienu jinsabu fil-kexxun tal-gradenza jew tal-komodina tal-kamra tieghu. L-imputat qal lill-Pulizija illi gewwa l-istess kexxun kellu wkoll bicca raza tal-*cannabis*, li ghaddiha wkoll lill-Pulizija. Dawn is-sustanzi gew elevati u l-imputat ittiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal izjed investigazzjoni.[1]

Mir-relazzjoni esebita mill-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[2], jirrizulta illi z-zewg dokumenti li gew mghoddija lilu ghall-analizi, kienu jikkonsistu fi hmistax-il pillola bajda bil-*logo* tal-kukkudrill, li fihom instabet is-sustanza *3,4-Methlyenedioxymethamphetamine (MDMA*), liema sustanza hija kkontrollata

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef (a fol. 11 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia (a fol. 13 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef (a fol. 16 *et seq* tal-process).

[2] Esebita a fol. 31 tal-process.

bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre il-blokka zghira ta' sustanza kannella li kienet f'wiehed mid-dokumenti msemmija, f'ammont nett totali ta' 0.862 grammi, instabet fiha s-sustanza *Tetrahydrocannabinol* (*THC)*. Il-purita` medja tal-istess blokka, li kienet raza tal-pjanta tal-*cannabis* kienet ta' cirka 5.83%.

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar l-14 ta' Novembru 2004[3], liema stqarrija ittiehdet wara li huwa nghata d-dritt vigenti skond il-ligi dak iz-zmien, ossia li ma kienx obbligat li jitkellem, izda li dak li jghid seta' jingieb bhala prova. L-imputat ghazel li jiffirma l-istess stqarrija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-ewwel lok il-Qorti ser tiddeciedi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

Fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2011, id-difiza talbet lil din il-Qorti kif diversament preseduta, sabiex taghti direzzjoni dwar "*jekk in vista tas-sentenzi Kostituzzjonali 'Pulizija vs Alvin Privitera' deciza nhar il-11 ta' April 2011, 'Pulizija vs Esron Pullicino' deciza fit-12 ta' April 2011 u 'Pulizija vs Mark Lombardi' deciza fit-12 ta' April 2011, ghandhiex tintalab referenza kostituzzjonali jew jekk hix sejra tkun din il-Qorti stess li tagixxi u tiddeciedi konformament ma' dawn is-sentenzi*".

Permezz ta' digriet moghti fis-7 ta' Lulju 2011[4], il-Qorti, kif diversament preseduta, trattat it-talba tad-difiza bhala wahda fejn l-istess difiza kienet qeghda tistaqsi lil Qorti jekk kinitx ser taccetta li taghmel referenza kostituzzjonali dwar il-punt jekk hemmx ksur tad-dritt tal-imputat ghal smiegh

[3] A fol. 20 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 60 *et seq* tal-process.

xieraq, billi l-istqarrija tieghu ttiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi ghal assistenza legali qabel l-interrogatorju mill-pulizija ta' persuna suspettata. Ghar-ragunijiet indikati fl-istess digriet, il-Qorti cahdet it-talba tad-difiza ghal referenza kostituzzjonali u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Illi m'huwiex ikkontestat illi fil-jum li fih ittiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fis-fl-14 ta' Novembru 2004, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Irid jinghad illi wara li nghataw is-sentenzi msemmija mid-difiza fil-verbal tal-20 ta' Mejju 2011 u mill-Qorti, kif diversament preseduta, fid-digriet taghha tas-7 ta' Lulju 2011, inghataw diversi sentenzi ohrajn dwar dan il-punt, kemm mill-Qorti Kostituzzjonali stess, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Apparti s-sentenzi msemmija mid-difiza u mill-Qorti, fid-digriet taghha, kif inghad, din il-Qorti, kif preseduta, irreferiet ghal diversi minn dawn is-sentenzi li trattaw l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju *inter alia* is-segwenti: **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, **Il-Pulizija vs Robert Busuttil**, deciza mill-istess Qorti fl-20 ta' Frar 2014 u **Il-Pulizija vs Natassja Gouder** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur.*"

In oltre, fis-sentenza fl-ismijiet **John Attard vs Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi:

*"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita`, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, inghad hekk fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellata f'dawk il-proceduri:

"*Irrizulta mill-provi illi l-prosekuzzjoni resqet bhala addebitu kontra l-appellata l-istqarrija biss peress li ma hemm l-ebda xhieda ohra ma xhiex setghet tikkorrobora din l-istess stqarrija. Irrizulta illi l-appellata kienet tfajla ta' 18 il-sena b'fedina penali nadifa li sabet ruhha arrestata mill-pulizija in konnessjoni*

*ma' reat illi gie kommess minn haddiehor u kien biss waqt l-intervista taghha mal-pulizija illi ammettiet illi hadet id-droga ecstasy xi sena qabel l-intervista. Veru illi fl-istqarrija hemm imnizzel illi l-appellata giet moghtija l-caution, imma kemm kienet effettiva din it-twissija jew kemm fehmitha stante l-eta' tenera taghha f'dawk ic-cirkostanzi din il-Qorti ferm tiddubita. Ghalhekk irrizulta illi l-unika prova illi resqet il-prosekuzzjoni kontra l-appellata hija l-istqarrija u darba din ma tinsabx korroborata minn xhieda ohra jkun perikoluz illi l-Qorti ssib htija fuq din il-prova biss. Terga' din il-Qorti jidhrilha illi bhala tfajla ta' l-eta' ta' 18 il-sena, ghad illi din hija eta' maggioritarja, l-appellata kellha titqies bhala persuna vulnerabbli illi facilment kienet impressjonata bil-prezenza tal-pulizija u l-fatt illi kienet qed tigi nterrogata minnhom. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi fuq l-iskorta ta' dawn id-decizjonijiet ricenti l-Ewwel Qorti ghamlet sew li skartat l-istqarrija u peress li ma kienx hemm provi ohra waslet ghal liberatorja ta' l-appellata. Din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha waslet ghal konkluzjoni gusta u din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba din il-konkluzjoni."*

U fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Cutajar</u>**, inghad hekk:

*"Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija. F'dan il-kaz irrizulta illi l-appellant fiz-zmien ta' l-arrest tieghu kien persuna matura ta' 48 sena, kien jaf, fehem sew x'kienu qeghdin jghidu l-pulizija u li kellu d-dritt illi jzomm sieket. Dana ma ghamlux u minflok iddecieda li jaghti l-verzjoni tieghu f'din l-istess stqarrija. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi din il-verzjoni abbinata ma' provi ohra li rrizultaw f'dan il-*

*process iwasslu lil din il-Qorti ghal konviciment morali illi ma hemm xejn hazin fl-istqarrija illi ghamel l-appellant lill-pulizija u dina ghandha tigi kkunsidrata fl-ambitu tal-provi kollha mressqa mill-prosekuzzjoni.”*

Issa f’dan il-kaz, jirrizulta illi meta ttiehdet l-istqarrija tieghu, l-imputat ma kienx minuri jew ta’ eta` li wiehed jista’ jsejjhilha tenera, izda anzi kien ragel adult u matur ta’ tlieta u tletin sena, ghalkemm il-fedina penali tieghu kienet netta ghal kollox u ma jidhirx illi kien involut f’xi nvestigazzjonijiet ohrajn precedentement ghal dan il-kaz. Minn harsa lejn l-istqarrija rilaxxjata minnu, jirrizulta illi qabel l-interrogatorju tieghu l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa’ sieket u ma jwegibx, u skond il-ligi vigenti dak iz-zmien, din l-ghazla seta’ jaghmilha minghajr konsegwenzi ta’ xejn. Jidher ukoll illi l-imputat fehem sew din it-twissija li nghatat lilu mill-Ufficjal Investigatur dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju, tant illi ghalkemm irrisponda kwazi ghad-domandi kollha li sarulu, f’punt minnhom meta mistoqsi dwar kif kien ser jehles mill-pilloli li jsemmi fl-istqarrija tieghu, huwa ghazel li ma jwegibx u f’punt iehor, meta mistoqsi dwar il-persuna li lilha huwa kien biegh il-pilloli, huwa ghazel li ma jirrispondix. Jirrizulta wkoll illi huwa ffirma l-istqarrija rilaxxjata minnu flimkien mad-dikjarazzjoni illi l-istqarrija ghamilha volontarjament, minghajr theddid, biza’, weghdiet jew twebbil ta’ xi vantaggi u wara li kien qara l-istess stqarrija. Kien biss snin wara li huwa rrilaxxja din l-istqarrija, waqt li kien qed jigi redatt is-*Social Inquiry Report* mill-Ufficjal tal-*Probation*, fis-sena 2009, illi l-imputat iddikjara <u>ghall-ewwel darba</u> u dan mal-istess Ufficjal tal-*Probation*, li rredigiet l-istess rapport, illi huwa hassu ferm imbezza’ meta kien arrestat u rrefera ghall-persuna li, skond hu, fiz-zmien tar-rapport kienet deceduta, u li kien jheddu fiz-zmien tal-kaz odjern u li ghalhekk dan il-fatt influwenzah meta gie biex jirrilaxxja l-istqarrija tieghu. Biss il-Qorti tikkunsidra illi apparti li kif inghad, din l-allegazzjoni saret mill-imputat ghall-ewwel darba snin wara li huwa rrilaxxja din l-istqarrija, din baqghet allegazzjoni biss, fis-sens illi ma ngabet assolutament l-ebda prova da parti tieghu, imqar sal-grad tal-probabbli, li tista’ b’xi mod tissostanzja dan. Facli li wiehed, snin wara li jkun irrilaxxja stqarrija, jaghmel certi dikjarazzjonijiet jew allegazzjonijiet sabiex jipprova jiskolpa ruhu jew jimmitiga l-konsegwenzi tad- dikjarazzjonijiet precedenti tieghu, izda l-

Qorti ghandha tevalwa l-kaz a bazi tal-provi li jitressqu quddiemha u mhux a bazi ta’ semplici kongetturi.

Imbaghad, il-Qorti tqis ukoll illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat m’hijiex l-uniku prova li qeghda tistrieh fuqha l-prosekuzzjoni f’dan il-kaz. Fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni, fil-fatt instabu, apparti r-raza tal-*cannabis*, ben hmistax-il pillola li, skond ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, irrizultaw li fihom is-sustanza *3,4-Methlyenedioxymethamphetamine (MDMA*). Hawn m’huwiex il-kaz ta’ persuna li nstabet fil-pussess ta’ pillola jew tnejn ossia ammont li normalment wiehed jabbina mal-uzu esklussiv tal-pussessur, izda ta’ ammont ta’ pilloli li jmur oltre dan – ammont ghalhekk li fih inniffsu wkoll jipprovdi element qawwi ta’ korroborazzjoni ghall-verzjoni moghtija mill-imputat fl-istqarrija tieghu. Ghaldaqstant, f’dawn ic-cirkostanzi u fuq skorta tad-decizjonijiet fuq citati, il-Qorti jidhrilha illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat abbinata ma’ provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti, hija ammissibbli u din ser tigi kkunsidrata fl-ambitu tal-provi kollha li gew imressqa quddiemha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Stabbilit dan il-punt, il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-provi li gew imressqa fir-rigward tal-imputazzjonijiet odjerni. Fl-ewwel lok, l-imputazzjonijiet jirreferu ghad-data tat-13 ta’ Novembru 2004 u ghax-xhur ta’ qabel. Dwar dan, irid jinghad illi fix-xhieda taghhom tal-21 ta’ Mejju 2007, PS 1086 Johann Micallef, PC 10 Trevor Cassar Mallia u PS 579 Antoine Micallef, ossia l-Ufficjali tal-Pulizija li hadu sehem fit-tfittixija tal-vettura u tar-residenza tal-imputat, irreferew ghad-data ta’ dan l-incident bhala t-13 ta’ Dicembru 2004. Biss, wara domanda specifika mill-Qorti dwar id-data lil PC 10 Trevor Cassar Mallia, dan wiegeb illi kien cert illi l-jum kien it-tlettax u li s-sena kienet 2004.[5] Da parti tieghu, PS 579 Antoine Micallef, meta mistoqsi dwar jekk kienx cert minn din id-data, wiegeb fin-negattiv, izda ftakar li kienu xoghol ta’ bil-lejl, li l-incident sehh xi s-7.00 a.m. u li kien il-jum tas-Sibt. Qal ukoll illi jekk il-kaz ma sehhx f’Dicembru, sehh

[5] A fol. 14 tal-process.

f'Novembru.[6] Dwar din id-diskrepanza fid-dati, il-Qorti tinnota fl-ewwel lok illi l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fl-14 ta' Novembru 2004, fl-9.40 p.m. Wahda mid-domandi li saret lill-imputat tirreferi ghal dak li kien sehh fil-jum ta' qabel ghall-habta tas-7.00 a.m., meta l-imputat kien ser jirrapporta ghax-xoghol – ossia ghalhekk ghat-13 ta' Novembru 2004. L-imputat wiegeb ghal din id-domanda fl-affermattiv, b'konferma ghalhekk ta' dak li kien qed jigi mistoqsi. In oltre mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, jirrizulta illi z-zewg dokumenti mghoddija lilu ghall-analizi, kienu jikkontjenu zewg *labels* rispettivament – wahda bil-kliem "*Data 13/11/04, Hin 7.15 a.m. Elevat/i minn gewwa l-karozza, fil-presenza ta' William Camilleri, minn PS 1086, PC 10*"; l-ohra bil-kliem "*Data 13/11/14, Hin 8.00 a.m. Elevat/i minn gewwa r-residenza tieghu, fil-presenza ta' William Camilleri, minn PS 1086, PC 10*". Id-data indikata fuq l-imsemmija *labels* hija ghalhekk tat-13 ta' Novembru 2004 u mhux dik tat-13 ta' Dicembru 2004, li jkompli jikkonferma illi d-data li tirrizulta mill-istqarrija, hija fil-fatt id-data korretta ossia d-data li fih sehh il-kaz odjern, tenut kont ukoll tal-fatt illi l-bqija tal-informazzjoni kontenuta fl-istess *labels* hija korretta u tikkonforma ma' dak li jirrizulta mill-atti. Mhux biss izda l-ewwel *label* li tirreferi ghal dak li gie elevat mill-karozza tal-imputat, tindika bhala hin is-7.15 a.m., in linea ma' dak li xehed PS 579 Antoine Micallef dwar il-hin tal-incident u in oltre, minn harsa lejn il-kalendarju ghas-sena 2004, specifikatament ghax-xhur ta' Novembru u Dicembru, wiehed jista' jara li t-13 ta' Novembru 2004 habat fil-fatt il-jum tas-Sibt, kif jghid PS 579 fix-xhieda tieghu, mentri t-13 ta' Dicembru 2004, kien il-jum tat-Tnejn. Fis-seduta tal-11 ta' Frar 2008, PS 579 Antoine Micallef u PC 10 Trevor Cassar Mallia, it-tnejn gharfu l-esebiti bhala l-oggetti li kienu gew elevati mill-vettura tal-imputat u fil-kaz ta' PC 10, anke dak li kien gie elevat mir-residenza tal-istess imputat. Ghaldaqstant, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi dan il-kaz fil-fatt sehh fit-13 ta' Novembru 2004 u mhux fit-13 ta' Dicembru 2004, kif erronjament indikat originarjament mill-Ufficjali tal-Pulizija msemmija, fix-xhieda taghhom.

Issa fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa kien ottjena l-pilloli *ecstasy* u r-raza tal-*cannabis* li nstabu fil-pussess tieghu madwar erba' xhur qabel. Skond hu, originarjament, ir-raza tal-*cannabis* kienet "*qisu erba' darbiet ikbar*" u li

[6] A fol. 17 tal-process.

kellu hamsa u ghoxrin pillola[7]. Qal ukoll illi minn dawn il-pilloli, huwa kien biegh f'zewg okkazzjonijiet lill-istess persuna u li b'kollox kien biegh ghaxar pilloli, bil-prezz ta' Lm2.50 il-pillola. Ghalhekk kien fadallu hmistax-il pillola. Ghaldaqstant, la darba jirrizulta illi l-pilloli li nstabu fil-pussess tal-imputat kienu jikkontjenu s-sustanza *MDMA* u la darba jirrizulta wkoll illi l-imputat pprovda l-pilloli *ecstasy*, li kien ilhom fil-pussess tieghu madwar erba' xhur, lil terza persuna, il-Qorti tqis illi gie ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat huwa hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Dwar dan irid jinghad illi ghalkemm l-imputat, waqt li kien qed jigi redatt is-*Social Inquiry Report*, qal lill-Ufficjal tal-*Probation* illi huwa gieli agixxa taht pressjoni, li kien jibza' minn persuna partikolari ghaliex dan kien jheddu li joqtlu, u illi kien accetta li jaghmel dan ix-xoghol ghaliex kien minghalih li ser issir inqas hsara u kien jiehu xi haga tal-flus zghira, kif diga` inghad mill-Qorti fil-kuntest tal-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat, ma ngabet l-ebda prova da parti tad-difiza, lanqas sal-grad tal-probabbli, li tista' b'xi mod tissostanzja dak allegat minnu. Ghaldaqstant, kif inghad, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, la darba l-imputat biegh ghaxra mill-pilloli li kellu fil-pussess tieghu, isegwi necessarjament illi huwa kellu l-pussess aggravat tal-istess. Fir-rigward tal-hmistax-il pillola l-ohrajn, li nstabu fil-pussess tieghu, l-imputat jghid, fl-istqarrija tieghu, illi "*jiena ma ridtx niblaghhom u ma kontx naf ezatt x'se naghmel bihom u infatti damu tlett xhur ghandi d-dar*"[8]. Sa hawn diga` jissussisti r-reat ta' pussess aggravat. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Jason Mallia</u>**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999):

"*Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament*

[7] A fol. 21 tal-process.
[8] A fol. 22 tal-process.

*dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni* <u>*mhix mehtiega*</u> *ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga* <u>*li mhix bi hsiebha tuza*</u>*, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."*

Issa anke jekk il-Qorti tmur lil hinn minn dan u tiehu in konsiderazzjoni illi l-imputat kien fil-fatt jaghmel uzu huwa stess mill-pilloli *ecstasy*, il-Qorti wkoll tasal ghall-istess konkluzjoni dwar il-pussess bl-aggravanti. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa qatt ma ha droga, ghalkemm sussegwentement fl-istess stqarrija jammetti li kien jaghmel uzu mill-*cannabis.* Biss waqt li kien qed jigi redatt is-*Social Inquiry Report*, l-imputat stqarr illi apparti l-uzu tieghu tal-*cannabis*, f'xi ftit okkazzjonijiet huwa gieli kien jaghmel uzu mid-droga *ecstasy* u li kien jaghmel uzu minn din id-droga meta kien jattendi ghal xi *party*. Fix-xhieda taghha[9], omm l-imputat, Robinette Vassallo, ukoll tghid *inter alia* illi binha kien jabbuza mill-*ecstasy* u li kien beda jaghmel dan ftit taz-zmien qabel l-arrest tieghu. Issa anke jekk il-Qorti temmen illi l-imputat kien huwa stess jabbuza mill-pilloli tal-*ecstasy*, kif inghad, huwa nstab fil-pussess ta' hmistax-il pillola – ammont li zgur m'huwiex normalment assocjat mal-uzu esklussiv tal-pussessur. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**</u>, deciza fis-17 ta' Frar 1997:

*"L-ewwelnett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali u sa hawn il-piz tal-prova (u*

[9] A fol. 71 *et seq* tal-process.

*cioe` il-prova ta' l-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni. Jekk pero` dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx ma' l-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita` li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu u dan b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap 101".*[10]

Minkejja li omm l-imputat tghid illi l-imputat kien beda jabbuza mill-*ecstasy* ftit zmien qabel gie arrestat dwar dan il-kaz, madankollu, zgur illi ma giex ippruvat mill-imputat, imqar sal-grad tal-probabbli, illi dawn il-pilloli kienu kollha ghall-ezu esklussiv tieghu. Lanqas dak li jghid l-imputat ghal fini tas-*Social Inquiry Report* ma jaghti din l-impressjoni, ghaliex huwa jghid illi gieli, f'xi ftit okkazzjonijiet, kien jiehu l-*ecstasy* meta kien jattendi xi *party*. Imbaghad terga' u tghid l-imputat stess qal fl-istqarrija tieghu, illi huwa diga` kien biegh mill-pilloli li originarjament kellu fil-pussess tieghu. In oltre hames (skond ix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija li ghamlulu t-tfittxija) jew sitt pilloli (skond ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud) instabu fil-vettura tal-imputat ghall-habta tas-7.00 a.m., waqt li huwa kien fi triqtu lejn ix-xoghol u ghalhekk il-fatt illi l-imputat kien qed idur barra b'dan in-numru ta' pilloli, li kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, kienu mgezwrin separatament gewwa bicciet ta' *foil,* kif del resto kienu wkoll il-bqija tal-pilloli misjuba fir-residenza tieghu, huma wkoll cirkostanzi ohrajn li jippuntaw lejn il-pussess bl-aggravanti.

Ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, it-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, jirrizulta car kemm mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat, li kkonferma illi r-raza tal-

[10] Dan l-artikolu tal-ligi taht il-Kapitolu 101 huwa identiku ghall-Artikolu 121A(1) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

*cannabis* misjuba fir-residenza tieghu, kienet ghall-uzu personali tieghu, illi anke din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata, fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat li kienet netta fiz-zmien tar-reati in kwistjoni u baqghet hekk netta matul dawn il-proceduri. Qieset ukoll illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta kemm mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija nvoluti fit-tfittxija u fl-arrest tal-imputat, inkluz mix-xhieda tal-*ex* Spettur Nadia Lanzon[11], kif ukoll mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

Qieset ukoll l-ammont ta' pilloli *ecstasy* li nstabu fil-pussess tal-imputat u li skond l-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa biegh ghaxar pilloli f'zewg okkazzjonijiet. Qieset ukoll illi l-imputat instab fil-pussess ta' raza tal-*cannabis* fil-piz ta' 0.862 grammi u li skond hu, din kienet xi erba' darbiet ikbar meta xtraha.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll ir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* fir-rigward tal-imputat, mil-liema jirrizulta illi fiz-zmien li gie redatt l-istess rapport, l-imputat kien qed jghix hajja stabbli u kellu mpjieg fiss. Qieset ukoll illi skond l-istess rapport, l-imputat ma baqax jaghmel uzu minn sustanzi illeciti u illi kampjun tal-urina moghti minnu taht supervizjoni fl-14 ta' April 2009, irrizulta fin-negattiv ghall-morfina, kokaina u *cannabis.* Skond l-istess relazzjoni, l-imputat ikkollabora bis-shih mal-Ufficjal tal-*Probation* u mexa fuq l-istruzzjonijiet li nghataw lilu mill-istess Ufficjal.

[11] A fol. 37 *et seq* tal-process.

In oltre il-Qorti qieset il-punt issollevat mid-difiza, fis-sens illi dawn il-proceduri jirreferu ghal reati li sehhew fis-sena 2004. Biss ghalkemm huwa minnu illi l-proceduri nbdew sentejn u tlett xhur wara li sehh il-kaz, huwa minnu wkoll illi l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-27 ta' Mejju 2008 u mill-bqija fil-waqt illi d-difiza bil-mod il-mod ressqet il-provi taghha, intalbu wkoll numru ta' differimenti mill-istess difiza u bhala konsegwenza ta' dan, il-kawza twalet inutilment. Ghaldaqstant, ma jistax l-imputat issa jissoleva favur tieghu l-fatt illi dawn il-proceduri twalu, wara li dan id-dewmien sehh fil-maggor parti, ghal ragunijiet imputabbli lilu.

Il-Qorti applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (b), fis-sens illi qeghda tqis illi r-reat fit-tieni imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni. In oltre, applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, dwar il-piena pekunjarja applikabbli tassattivament fir-rigward tal-imputazzjoni (a) u dik li qeghda tapplika l-Qorti fir-rigward tal-imputazzjoni (c).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985 u l-Artikolu 17(f) u (h) tal-Kapitolu 9, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal piena ta' **seba' (7) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' tminn mitt Euro (€800)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta huwa jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza. Ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih

u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti mahtura f’dawn il-proceduri, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta’ hames mija, hamsa u tletin Euro u wiehed u sittin centezmu (€535.61) fiz-zmien sena mil-lum, b’dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------